MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2014

Numru. 290/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**Januariusz Cholaszczynski**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra ***Januariusz Cholaszczynski*** ta' 53 sena, iben Alojzy u Benigna nee' Szplit, imwieled Lubawa fit-13 ta' Frar 1961 u residenti gewwa Bayview, Kamra 317, Bay View Hotel, Gzira u detentur tal- Passaport Numru PB 8153588;

Akkuzat talli fil-31 t'Ottubru 2013, f'dawn il-Gzejjer:

1. Talli ikkometta serq ta' portmoni bi flus kontanti, dokumenti u ogetti ohra minn gewwa St. James Hospital, sitwat gewwa Triq Ġorġ Borg Olivier f'tas-Sliema, ghad-detriment ta' Blanche Maria Plumpton u/jew ta' persuna/i ohra;

2. Talli fil-31 t'Ottubru 2013 mill-ATM sitwata ħdejn il-Preluna Hotel f'Tas-Sliema, kkommettejt serq ta' hames mitt Ewro (€500) ghad-dannu tad-dirigenti tal-BOV u ta' Blanche Marie Plumpton u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

3. U aktar talli nhar il-31 t'Ottubru 2013 b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor, ta' aktar

minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba w disghin centezmu (€ 232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€ 2,329.37) għad-dannu tal-BOV u ta’ Blanche Marie Plumpton u/jew persuni ohra.

Rat l-akkuzi;

Rat il-Ligi;

Rat l-ammissjoni ta’ l-akkuzat, u semghet lill-akkuzat jgharraf lill-Qorti li fi zmien sitt xhur jkun f’ posizzjoni illi jhallas l-ammont kollu dovut lil Blanche Marie Plumpton.

Il-Qorti issib lill-akkuzat hati, tikkundannah perjodu ta’ prigunerjia ta’ 18 il-xahar sospizi ghall-4 snin u tordna lill-akkuzat sabiex sa zmien sitt xhur millum jhallas l-ammont kollu dovut lil Blance Marie Plumpton u dan a ternur ta’ l-Art. 28 (h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------